MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta ta' 05 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1245/2000/1

M & A Limited

Vs

Sport Diving Limited.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fis-16 ta' Gunju 2000 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet li s-socjeta' konvenuta hija debitrici taghha fis-somma ta' sebat elef sitt mija u disa' liri u sbatax il-centezimu (LM7609.17) bilanc minn somma akbar dovuti ghal xiri ta' apparat u oggetti ohra fosthom "diving equipment" lilha mibjugh u debitament ikkonsenjat mill-istess socjeta' attrici u dana skond ma jirrizulta mill-annessi invoices Dok A u B; illi minkejja diversi interpellazzjonijiet maghmula lis-socjeta' konvenuta sabiex teffettwa l-hlas relattiv din baqghet inadempjenti; illi l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehema tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta ma

ghandha ebda eccezzjonijiet x'tissolleva kontra l-pagament ta' l-istess; illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghad-dispensa mis-smiegh tal-kawza; talbet li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' LM7609.17 dovut kif fuq inghad oltre l-imghaxijiet ulterjuri ta' tmienja fil-mija (8%) u dana bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et seq. Tal-Kap 12.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet ta' 8% per annum mid-data ta' meta kienu dovuti l-flejjesfuq indikati rispettivement sad-data tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti presentati mill-attur.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu 2001 meta l-konvenut inghata l-fakolta' li jikkontesta t-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-23 ta' Marzu 2001 li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet (attrici) huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala drittperess illi l-ammont mhux dovut u dan kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat in-nota tal-konvenut tat-3 ta' Gunju 2002 meta giet ecepita l-preskrizzjoni kwinkwennali a termini ta' l-artikolu 2156(f) u l-verbal tal-15 ta' Lulju 2002 meta l-attur accetta din in-nota bhala nota ta' eccezzjonijiet u ta ruhu b'notifikat bl-istess nota.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Lulju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghall-4 ta' Novembru 2002.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

Ittrattatt il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Qabel xejn ghandu jinghad li din is-sentenza ser tigi limitata ghal konsiderazzjoni tal-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut fi stadju avvanzat tal-kawza. Il-mertu ser jithalla impregudikat billi din il-Qorti, wara ezami tal-provi prodotti u minhabba n-natura tat-transazzjonijiet ta' negozju li sehhew bejn il-kontendenti, hija tal-fehema li jkun opportun sabiex issir gustizzja li (a) is-socjeta' attrici tipproduci kopji tal-'istatements', jekk jezistu, li skond il-prassi fin-negozju, setghu ntbghatu lis-socjeta' konvenuta perjodicalment; (b) tezebixxi wkoll kull dokumentazzjoni li jista' jkollha dwar ordnijiet li saru mis-socjeta' konvenuta billi din il-Qorti tifehem li bhal ma gara fil-kaz tal-invoice numru 6897 tat-28 ta' Gunju 1994, li giet preceduta b'FAX tas-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici, seta' kien hemm dokumentazzjoni simili. Tordna ukoll li s-socjeta' konvenuta tippresenta fi stadju ulterjuri (a) il-kotba tan-negozju taghha u senjatament dawk relattivi ghal li 'stock take' ghas-snin 1994 sa 1996 u (b) id-dokumentazzjoni kollha relattiva ghall-insurance claim li saret wara is-serqa mill-hanut.

Dan premess dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jigi rilevat fl-ewwel lok li din tista' tapplika biss ghal dawk il-partiti li ma humiex ammessi mis-socjeta' konvenuta. Dan qed jinghad billi r-rappresenant ta' din is-socjeta' fix-xhieda tieghu espressament ammetta, bla tlaqliq, l-ammonti rappresentati minn 'vouchers' jew 'invoices' li kienu iffirmati, kemm jekk il-firma kienet maghrufa kemm jekk le, u stqarr li dawn ghandhom jigu onorati. Minn ezami tad-dokumenti jidher li s-somma involuta tammonta ghal LM3383.46 skond l-invoices ezebiti.

Illi ghal bqija, u cioe s-somma ta' LM4225.66 (cioe l-bilanc rappresentat mill-invoices rimanenti wara li tnaqset is-somma ta' LM2290 imhallas akkont mis-socjeta' konvenut) jidher li, prima facie, in parti dan l-ammont huwa milqut bil-preskrizzjoni eccepita in kwantu l-invoices

relattivi jigiebu data antecedenti l-presentata tac-citazzjoni baktar minn hames snin. Mentri parti minnu u cioe is-somma ta' LM1692.56.1, jirriferi ghall-invoices ta' merkanzija allegatament mibjugha u kkonsenjata qabel ma skadew il-hames snin bil-presentata tac-citazzjoni. Ta' minn josserva li l-presentata ta' att gudizzjarju jinterrompi l-preskrizzjoni anke jekk tali att ma jkunx gie notifikat lill-kontro parti. Tibqa' ghalhekk is-somma ta' LM2533.099.

Id-difensur tal-attur ghamel referenza ghall-verbal ta' l-udjenza tal-5 ta' Marzu 2001 meta s-socjeta' konvenuta talbet li tinghata l-fakolta' li tikkontesta t-talba attrici "*billi l-ammont dovut huwa inqas minn dak reklamat*". Qed jinghad li din id-dikjarazzjoni hija inkompatibbli ma eccezzjoni ta' preskrizzjoni billi tikkomtempla ammissjoni tad-debitu ghalkemm f'ammont ridott. Din il-Qorti ma tirraviza ebda inkompatibilita' billi facilment jista' jinghad li l-ammont inferjuri li qed jigi "*ammess*" huwa dak li ma kienx milqut bil-preskrizzjoni. Lanqas ma tara li x-xhieda ta' Raymond Ciancio jew l-allegata ammissjoni ta' martu f'korrispondenza, ma jistghu jigu kunsidrati bhala ammontanti ghall-ammissjoni. Infatti l-ittra ta' Marese Ciancio, li fil-verita' mhux ammissibbli bhala prova billi mhux konfermata minn min kitibha, ma tindika ebda ammont bhala dovut. Fir-rigward tax-xhieda ta' Raymond Ciancio jigi osservat li dana dejjem oggezzjoni li jhallas l-ammonti rappresentati minn invoices mhux iffirmati, inkluzi dawk sottoezami. Ghalkemm din l-oggezzjoni mhux bazata fuq preskrizzjoni ta' l-azzjoni, bl-ebda mod ma jidher li dan ammetta dan il-kreditu ultejuri tas-socjeta' attrici.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi mill-eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut billi tilqahha limitatament ghas-somma ta' elfejn hames mija tlieta u tlettin lira maltin u ghaxar centezimi (LM2533.10) u b'hekk tiddikjara li l-azzjoni fir-rigward ta' dan il-kreditu hija estinta. Fl-istess hin ma tippronunzjax ruhha fuq it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet fil-mertu ghar-ragunijiet fuq imsemmija u ghalhekk tiddiferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni quddiem din il-Qorti preseduta mill-Imhallef Joseph R. Micallef ghas-seduta tal-

Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.

Onor Imhallef Albert J. Magri